# The Melite Post

*Edited by* Mr. Sean Chircop,
Chairperson of *Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun*


Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun


Issue No. 1

JANUARY

2017


IŻ-ŻEJTUN
Citta` Beland

15
SENA
2002-2017

## CONTENTS


| | |
|---|---|
| Kelmet l-Editur | p. 2 |
| Il-Wirja Annwali 2016 | p. 4 |
| The Melita Post | p. 5 |
| Is-Soċjetà ta' Triq Sant' Emidju | p. 6 |
| L-Istorja Postali fiż-Żejtun | p. 7 |
| Iż-Żejtun fuq il-Bolol | p. 8 |
| Filatelist Żejtuni | p. 8 |
| Albrecht Durer | p. 9 |
| Stampless Era Postmarks | p. 10 |
| Christmas 2016 Stamps | p. 11 |


Il-gazzetta uffiċjali ta'

Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

## Kelmet l-Editur

# 15-il sena magħkom

minn **Sean Chircop**

Hekk kif din l-ewwel ħarġa ta’ The Melite Post qed toħroġ biex tfakkar il-15-il sena anniversarju mit-twaqqif tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun se niddedika l-ewwel editorjal biex nagħti ħarsa lejn it-twaqqif tal-Grupp u l-ħidma tiegħu matul is-snin. Iżda qabel xejn nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-grupp, mill-aktar wieħed anzjan sal-aħħar membri li ngħaqdu magħna ftit xhur jew snin ilu, tal-għajnuna li dejjem taw biex il-Grupp jibqa’ jimxi ‘l quddiem u jissaħħaħ. Il-ħarġa ta’ The Melite Post se tibda toħroġ erba’ darbiet fis-sena; f’Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru, b’artikli mill-filatelisti u dwar il-filatelija. B’hekk dawk kollha li jixtiequ jaqsmu t-tagħrif tagħhom mal-qarrejja nistidinhom biex jiktbu l-artiklu u jibgħatuh lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun indirizzat lill-Grupp Filateliku taż-Żejtun.

Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun twaqqaf fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, f’Jannar 2002, biex kien l-ewwel u l-unika klabb tal-lokal fil-filatelija. Il-Grupp għall-bidu beda jitmexxa mis-Sur Anthony Seychell, dak iż-żmien Kunsillier responsabbli mill-Kultura, l-Istorja u t-Turiżmu. Infatti fl-arkivji tal-għaqda jidher li l-ewwel korrispondenza ntbagħtet mill-Kunsill Lokali fit-18 ta’ Jannar, 2002, biex l-ewwel laqgħa saret il-Ġimgħa, 25 ta’ Jannar, 2002, fis-6:00 p.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. L-ewwel korrispondenza ntbagħtet lil disa’ filatelisti Żwieten; is-Sa. Marija Dolores Carabott, is-Sur Joseph Briffa, is-Sur Michael Saliba, is-Sinjura Rebecca Caruana, is-Sur Francis Falzon, is-Sur John Busuttil, is-Sur Francis Buttigieg, is-Sur Arthur Marsh, u s-Sur Carmel Baldacchino. Minn dawk mistiedna attendew ħames persuni, fosthom studenta. L-għan li għalih twaqqfet l-għaqda kien biex dawk li għandhom għal qalbhom il-filatelija jkollhom spazju biex “jiltaqgħu, jitkellmu u jiddiskutu diversi suġġetti ta’ interess f’dan il-qasam’’ (Awwissu 2002). Kien hemm żmien ukoll fejn fil-laqgħat kienet isir sessjoni ta’ tpartit ta’ bolol bejn il-membri tal-grupp, “min għandu dupplikati hu mitlub iġib miegħu biex ipartat’’ li kienu tawha l-isem ta’ Bolla Bonanza (Frar 2003).

Minn dak iż-żmien ‘l hawn normalment il-laqgħat tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun baqgħu jsiru dejjem fl-aħħar Tlieta tax-xahar fis-Swali tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, fi Triq Sant’ Anġlu, iż-Żejtun. Infatti xi drabi ntużat Sala Mikiel Cachia, fis-sular t’isfel u drabi oħra Sala Ġużeppi Caruana, fis-sular ta’ fuq. Uħud mill-ewwel mistiedna kelliema tal-għaqda lura għall-2002 kienu Kav. Dr. Alfred Bonnici (li għadu sal-lum il-ġurnata jkunu mistieden kelliem tal-għaqda), u s-Sur Leo Bowman.

Mill-bidu tal-għaqda kien hemm interess biex fiż-Żejtun jibda jkun hawn wirja annwali tal-filatelija mtela’ mill-membri tal-istess grupp filateliku. Infatti f’Lulju tal-2002 jidher li kienu diġà bdew jiddiskutu l-ewwel wirja filatelika li ttellgħet f’Settembru 2002. Infatti l-ewwel wirja, li saret fis-Sala Ġużeppi Caruana, il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, fetħet għall-pubbliku fit-23 ta’ Settembru. Fl-2003 il-wirja filatelika ma saritx, iżda minn Ottubru 2004 ‘il quddiem baqgħat issir kull sena. Fl-2005 minħabba s-sena ċentinarja infatti saret fuq tema reliġjuża. Meta l-wirja filatelika kienet issir f’Ottubru kienu wkoll jiġu jaraw il-wirja t-tfal tal-Iskola Primarja taż-Żejtun biex iqum interess dwar il-filatelija fost it-tfal.

*(ikompli fuq paġna 3)*

Mill-2003, fl-ewwel anniversarju tal-grupp, beda jieħu spinta aktar 'il quddiem fiż-Żejtun u fuq livell nazzjonali. Infatti ta' kull xahar beda jsir avviż fil-Parroċċa taż-Żejtun, kif ukoll tintbagħat stqarrija għall-istampa, biex iħajjru aktar membru jingħaqdu. Bħala mistieden fl-ewwel anniversarju, u anki għat-tielet u l-ħames wieħed, kien ġie s-Sur John Cardona. Bis-saħħa tas-Sur Alfred Ellul Galea kienet saret prominenza tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun fil-ħarġa ta' Is-Sagħtar, ta' Jannar 2004, li kien jinbiegħ fost l-istudenti. Sal-2004 il-grupp kompla jikber, hekk kif bdew fl-2002 minn 5 membri u waslu għall-15-il membru, minn pensjonanti sa persuni fuq it-tletin sena, u anki kien hemm membri minbarra ż-Żejtun.

Il-Grupp filateliku kellu rwol importanti biex jinħareġ is-sett tal-bolol biex ifakkar 1700 ċentinarju tal-martirju ta' Santa Katarina. Infatti sa minn April tal-2003 bdew jiddiskutu dan is-sett u f'Mejju 2005 jiddeskrivu li din il-ħolma saret realtà. Fil-ħarġa li jmiss nagħtu aktar dettall dwar din il-ħidma.

Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun dejjem kellu relazzjonijiet tajbin mal-Maltapost, l-Għaqda Filatelika Maltija, għaqdiet filateliċi oħra f'Malta, kien hemm żmien ukoll li kien hemm kuntatt fil-qrib mal-Għaqda Filatelika ta' Brussell u anki mal-Posta Svizzera.

Kien hemm diversi mistiedna oħra preżenti matul il-15-il sena fosthom; is-Sur Anthony Fenech, is-Sur Joseph Fenech, is-Sur Charles Azzopardi, Dr. Robert Naudi, is-Sur Francis X. Ancilleri, is-Sur George Galea, is-Sur Richard J. Caruana, is-Sur Joseph Camilleri, is-Sur John Micallef, is-Sur Joseph Micallef, is-Sur Victor Wickman, is-Sur E. F. Attard, Prof. Lino Cutajar, is-Sur Joseph Lanfranco, is-Sur Alfred Caruana Ruggier, is-Sur Darren Duncan, is-Sur Daniel Mangani, is-Sur Joseph Casha, is-Sur Charles Cassar, u s-Sur John Debattista. Fl-2010 wkoll jissemma li l-Ministru preżenti għall-Ġustizzja, il-Kultura u l-Gvern Lokali, l-Onor. Dr. Owen Bonnici, dak iż-żmien kelliem Laburista għall-kultura, kien iltaqa' mal-membri tal-Grupp Filateliku tagħna u fejn setgħu jissemmgħu l-ilmenti tagħhom dwar il-filatelija.

Fl-2012 għall-10 snin anniversarju tal-Grupp kienet ħarġet kartolina li tfakkar dan l-anniversarju, fejn turi l-Knisja Parrokkjali l-Qadima, kif ukoll bolla personalizzata, li fuqha kien hemm miktub 'Tifkira L-10 ANNIVERSARJU Grupp ''Filatelija Żejtun'' fi ħdan il-Kunsill Lokali 25 ta' Jannar 2012'. B'kollox kienu ħarġu 175 kopja.

Il-Grupp baqa' taħt it-tmexxija tas-Sur Anthony Seychell għall-11-il sena sħaħ sal-laqgħa tat-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2013. Infatti jikteb hekk ''iżda kif jgħid il-Malti kull bidu fih it-tmiem tiegħu. Personalment din il-laqgħa tax-xahar ta' Marzu se tkun l-aħħar waħda bħala Kunsillier''. Iżda fl-aħħar paragrafu jkompli billi jgħid, ''Nemmen li dan il-grupp mhux biss jibqa' jiltaqa' iżda li jissaħħaħ.... Għalija li niltaqa' magħkom kien ta' sodisfazzjon kbir''.

Minn April 2013 il-Grupp Filateliku beda jitmexxa minni, Sean Chircop, peress li ħadt ir-responsabbiltà f'idi tal-Kultura fi ħdan il-Kunsill Lokali. Infatti l-ewwel korrispondenza mibgħuta lill-membri dwar din il-bidla kienet intbagħtet fil-11 ta' April u l-laqgħa saret fit-30 ta' April stess, b'hekk ma kienx hemm waqfa mil-laqgħat. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-wirja annwali tal-filatelija tal-grupp baqgħat tittella' iżda ħarġet mill-binja tal-Kunsill Lokali u reġgħet bdiet isir f'Settembru kif kienet oriġinalment fil-bidu. Infatti bdiet isir waqt l-avveniment kulturali ta' Żejt iż-Żejtun, bl-ewwel żewġ wirjiet saru fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat, Triq San Girgor, u ż-żewġ wirjiet ta' wara f'Sala Ġużeppina Curmi, taħt l-Istitut Ġesù Nazzarenu. Fejn in-numru ta' filatelisti li jesebixxu x-xogħol tagħhom kiber u anki l-materjal li jkun hemm esibit. Fuq il-ħsieb tas-Sur Joseph Briffa bdew jitqassmu wkoll b'xejn numru ta' bolol lit-tfal kollha li jattendu l-wirja.

# Il-Wirja Annwali 2016

Il-membri tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun, bejn il-Ħamis 22 sal-Ħadd 25 ta' Settembru, 2016, tellgħu l-Wirja Annwali tal-Filatelija, bl-isem 'L-Istorja t'Artna u lil hinn Minnha'. Din kienet it-13-il wirja tal-għaqda u ttellgħet f'Sala Ġużeppina Curmi, taħt l-Istitut Ġesù Nazzarenu, fi Triq l-Isqof Emmanuele Galea, iż-Żejtun, fejn fetħet waqt l-avveniment ta' Żejt iż-Żejtun.

F'din il-wirja diversi filatelisti tellgħu għall-wiri numru ta' xogħol filateliku interessanti, kemm lokali u internazzjonali, fejn fil-ħarġiet futuri ta' The Melite Post se nagħtu ħarsa lejn xi wħud minn dan ix-xogħol esibit. Fil-wirja ħadu sehem; Raymond Agius, Carmel Bonello, Carmel Bonnici, Mario Casingena, John Debattista, Ċettina Demicoli, Chairmaine Desira, Francis Falzon, Emanuel Francalanza, George Galea, Albert Gatt, u Tony Sant.










MALTA PHILATELIC SOCIETY ZEITUN

# The Melita Post

Edited by Dr. Leonard Grech, L.R.C.P., L.R.C.S., L.R.F.P. & S.

MARCH 1937

*Read*

**Coronation**

**Year**

*Competition*

## CONTENTS


| | Page |
|---|---|
| Our Aim .... .... | 1 |
| Il Nostro Scopo .... | 1 |
| Notre But .... .... | 2 |
| Unser Ziel .... .... | 2 |
| Nuestro Fin .... .... | 3 |
| Club Notes .... .... | 4 |
| The Maltese Islands .... The 10/- Stamp of 1899 | 5 |
| Don'ts for Philatelists .... | 7 |
| British Coronation Stamps | 8 |
| New Stamps .... .... | 9 |
| Coronation Year Competition | 10 |
| Club Rules .... .... | 11 |
| Small Advertisements .... | 12 |

Supplement
List of Members


**Il-faċċata tal-ewwel ħarġa ta' The Melita Post, il-gazzetta uffiċjali tal-Malta Philatelic Society, taż-Żejtun li ħarġet 80 sena ilu.**

***Kopja tagħha tinsab fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta, il-Belt Valletta.***

# Is-Soċjetà ta' Triq Sant' Emidju

minn **Sean Chircop**

The Melita Post, kienet il-ħarġa tal-Malta Philatelic Society taż-Żejtun li kellha l-indirizz tagħha Nru. 20, Triq Sant' Emidju, iż-Żejtun. L-ewwel ħarġa ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, bdiet toħroġ minn din is-Soċjetà f'Marzu 1937, u li kienet tiġi mitbugħa għand il-Modern Press, ta' Nru. 17, Triq San Pawl, iż-Żejtun. L-ewwel editur ta' The Melita Post, kien it-Tabib Leonard Grech, li kien ukoll il-fundatur tal-għaqda. Dr. Leonard Grech, kien joqgħod Nru. 18, Triq il-Kostituzzjoni, iż-Żejtun. L-ewwel President tal-għaqda kien is-Sur Charles Spiteri, ta' Nru. 12, Triq Santa Marija Ħal Għaxaq, u s-Segretarju kien is-Sur A. Gulizia, li l-indirizz tal-għaqda stess kien l-indirizz tiegħu.

Dr. Grech, li kien tabib Żejtuni maħbub, miet fl-età ta' 31 sena, fil-5 ta' Awwissu, 1938, fl-Isptar tal-Blue Sisters, wara li kellu bżonn jagħmel operazzjoni. Wara l-mewt tat-Tabib Grech, mill-ħarġa ta' Settembru 1938, laħaq editur tal-ħarġa The Melita Post, Dr. Carmelo Mifsud Bonnici (il-Gross), li kien joqgħod Nru. 19, Strada Cospicua, Bormla. Jidher li l-aħħar darba li ħarġet din il-ħarġa filatelika, li kienet tintbagħat lill-membri tal-għaqda li kellhom minn madwar id-dinja, kienet il-ħarġa ta' Marzu 1939. Dan wieħed jista' jifhem li l-ħarġa waqfet toħroġ minħabba li f'Settembru ta' dik is-sena bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, allura kien hemm problemi biex il-korrispondenza tal-għaqda tkun tista' tasal f'diversi pajjiżi mbiegħda.

B'kollox ħarġu sebgħa ħarġiet qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, fejn l-ewwel waħda ħarġet fuq karta bajda u ta' wara ħarġu fuq karta safra. B'kollox il-ħarġiet kien ikollhom tnax-il paġna b'wesgħa ta' 22ċm. Wara s-Sur A. Gulizia reġa' beda joħroġ l-ħarġa ta' The Melita Post 1947, iżda b'erba' paġni biss. L-indirizz fil-ħarġa tal-1947 mexa għal Sqallija; Via Gagliani, N.13 int. 2, Catania, Sicily (Italy)

Uħud mill-membri fundaturi Maltin tal-għaqda kienu T. De Bono ta' Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun, Walter J. Farrugia tal-Belt, Gerard Caruana u Edward Alex. Calleja tal-Ħamrun, Kapt. J. L. Muscat ta' San Ġiljan, M. P. Mercieca tal-Furjana, u membri oħra Maltin kien hemm Carmelo Lia ta' Ħal Balzan, P. Zammit ta' Tal-Pietà, Vincent Librery tal-Ħamrun, May u Janey Cassar tar-Rabat, Beltramo Padovani tal-Imsida, u Jos. Mifsud tal-Belt.



# L-Istorja Postali fiż-Żejtun




Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun, it-Tlieta, 31 ta' Jannar, 2017, ħareġ żewġ bolol personalizzati u żewġ kartolini biex ifakkar żewġ anniversarji importani li għandhom x'jaqsmu mal-istorja postali fiż-Żejtun. Waħda mill-bolol qed tfakkar it-80 sena anniversarju mill-ħarġa tal-ewwel ġurnal filateliku *The Melita Post*, li ħareġ f'Marzu tal-1937, mill-**Malta Philatelic Society Zeitun**. Filwaqt li l-bolla 'l oħra li turi l-emblema tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun qed tfakkar il-15-il sena anniversarju mit-twaqqif tiegħu din fl-2002.

Filwaqt li l-kartolini juru żewġ kaxxi postali fiż-Żejtun u żewġ ġurnali filateliċi li ħarġu miż-Żejtun. Kartolina minnhom qed turi l-kaxxa postali Nru. 136 tar-Reġina Vittorja, li tinsab fi Triq Santu Wistin, iż-Żejtun, u ġiet skedata Grad 1 fl-2007 mill-MEPA għall-importanza tagħha. Jidher li d-disinn tagħha hu uniku mill-pajjiżi kollha li jużaw il-kaxxi tal-ittri fuq stil Ingliż. Infatti, din il-kaxxa postali jidher li nħadmet f'Malta fil-perjodu ta' bejn 1881 – 1901 u għandha numru ta' karatteristiċi differenti fosthom il-plakka fejn titwaħħal l-informazzjoni u ma hemmx id-ditta tal-manifattura miktuba. Filwaqt li qed turi wkoll il-parti ta' fuq tal-ewwel ġurnal tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun li twaqqaf f'Jannar 2002 min-numru ta' filatelisti Żwieten u dejjem serva fi ħdan il-Kunsill Lokali.




Filwaqt li l-kartolina 'l oħra turi l-kaxxa postali Nru. 134 tar-Re Ġorġ V, li tinsab fi Triq ir-Ramla, iż-Żejtun, fl-inħawi magħrufa bħala Misraħ Strejnu (qrib il-Kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin) u ġiet skedata wkoll Grad 1 fl-2007 mill-MEPA għall-importanza tagħha. F'Malta nsibu 2 kaxxi postali biss ta' dan it-tip, l-oħra tinsab fi Triq il-Prinċep Albertu, il-Marsa. Din il-kaxxa postali maħduma minn W.T. Allen & Co. London għandha l-ittri u l-kuruna ta' daqs kbir ħdejn il-kaxxi postali Ġorġjani l-oħra. Filwaqt li qed turi l-parti ta' fuq ta' The Melita Post li ħarġet għall-ewwel darba fl-1937 mill-Malta Philatelic Society Zeitun, li twaqqfet f'Diċembru tal-1936.

Dawn huma l-unika żewġ kaxxi postali skedati bi Grad 1 fiż-Żejtun. Kaxxi postali oħra li nsibu fiż-Żejtun u huma skedati Grad 2 għall-importanza fl-inġinerija tagħhom huma; il-kolonna postali ta' Triq San Girgor, tar-Reġina Eliżabetta II, u l-kaxxa postali tar-Re Ġorġ V, fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, u l-kaxxa tar-Reġina Eliżabetta II tal-Pjazza , li ma għaddiex tintuża.

# Iż-Żejtun fuq il-Bolol...




## 20 sena ilu

Il-Maltapost fl-20 ta' Frar, 1997 ħarġet sett ta' tlett bolol biex ifakkar il-200 sena titlu ta' tlett ibliet Maltin; Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi u ż-Żejtun.

Il-bolla ta' 26ċ, fuq disinn ta' Richard J. Caruana kienet turi l-istatwa ta' San Girgor, fuq l-isfond tidher il-Knisja Parrokkjali l-Qadima. Fl-istess bolla tidher l-istemma taż-Żejtun.

Din il-bolla kienet qed tfakkar il-200 sena minn meta l-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch għolla liż-Żejtun bit-titlu ta' Città Beland, fit-30 ta' Diċembru, 1797.

# Filatelista Żejtuni...

# Mons. Dr. Emanuele Gerada



Wieħed mill-ewwel membri tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun kien l-Arċisqof Awżiljari, Mons. Emanuele Gerada, li kien joqgħod bieb ma' bieb mal-Kunsill Lokali taż-Żejtun fi Triq Sant' Anġlu. Infatti fl-arkivji tal-Grupp insibu diversi korispondenza mingħand l-Arċisqof innifsu, eżempju meta ma kienx seta' jibda jattendi għal-laqgħat ta' kull xahar.

Dr. Gerada twieled iż-Żejtun f'Mejju tal-1920, fl-istess jum tal-Papa San Ġwanni Pawlu II, u ġie ordnat qassis fl-1 ta' Awwissu, 1943, mill-Isqof Emanuel Galea, Isqof ieħor marbut maż-Żejtun. Gerada studja l-Liġi Kanonika f'Ruma u kien iservi fis-servizzi diplomatiċi tal-Vatikan sa kemm laħaq Isqof Titulari ta' Nomentum fl-1967. Fl-1973 kien appuntat Nunzju Appostoliku tal-Gwatemala u El Salvador. Fl-1980 laħaq ukoll Pro-Nunzju Appostoliku tal-Pakistan u wara fl-1989 Nunzju Appostoliku tal-Irlanda.

L-Arċisqof Gerada kien strumentali biex itaffi t-tensjoni li kien hemm bejn il-Knisja u l-Partit Laburista fis-1960ijiet u biex jiġi ffirmat il-ftehim li temm il-kunflitt bejn iż-żewġ partijiet fl-1969.

Gerada iritira fl-1995 fid-dar tiegħu fiż-Żejtun sa kemm ħalla din id-dinja fil-21 ta' Jannar, 2011, fl-età ta' 90 sena u jinsab midfun fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju taż-Żejtun.

# Albrecht Durer

by **Mario Casingena**

Albrecht Durer (1471 - 1528) was a German painter, printmaker and theorist from Nuremberg. His still-famous works include the Apocalypse woodcuts, Knight, Death, and the Devil. Saint Jerome in his Study (1514) and Melencolia I (1514), which has been the subject of extensive analysis and interpretation. His watercolours mark him as one of the first European landscape artists,while his ambitious woodcuts revolutionized the potential of that medium. Durer's introduction of classical motifs into Northern art, through his knowledge of Italian artists and German Humanists, have secured his reputation as one of the most important figures of the Northern Renaissance. This is reinforced by his theoretical treatise which involve principles of mathematics, perspective and ideal proportions.

Durer in a way, reminds me of Gustave Dore (1832-1883) who was a French artist, printmaker, illustrator and sculptor. Dore worked primarily with wood engraving. The Saint Paul's black stamp of 1919, 1921 and 1922 and the same stamp overprinted SELF GOVERNMENT of 1922 was adapted from an engraving of Dore.

Now going back to Durer, three stamps were issued on 7 March 1978, to commemorate the 450th anniversary of Durer's death. Which set was made up of the following:







**The Bagpiper**

Here the bagpiper is in celebration. The bagpiper has an empty background thus the character is in focus and can appreciate the detail work that followed.

**Young lady on horseback and trooper**




**Mary with the long-tailed monkey**

Here the Virgin Mary is holding the Child on her lap. The Child is playful and is seen holding a bird. The long-tailed monkey represents evil.

# Stamples Era Postmarks



by **Raymond Agius**



The first postmark used on mail (called the Bishop Mark) was introduced by the English Postmaster General Henry Bishop (1611 – 1691/2) in 1661. It showed only the date and month of mailing.

## Postmaster General

Before the creation of the position of the Postmaster General, control of the Post was in the hands of 'Master of the King's Post'. Bishop's letters patent gave him the monopoly to carry letters within the Kingdom. His appointment was to start on the 25th June, 1660, but was delayed until 29th September, 1666, when the Act of Parliament reconstituted the General Post Office.

## The Bishop Mark

Henry Bishop introduced the world's first known postmark that takes his name in 1661, 'The Bishop Mark'. The original Bishop Mark was introduced in London and first used on 19th April, 1661. This copy is in the public records office at Kew, West London.

Letters dated a few days earlier bear no trace of any mark and so it is assumed that this date is possibly the point at which these marks are introduced to use.

The Bishop Mark was designed to show the date on which a letter was received by post and to ensure that the dispatch of letters would not be delayed.

*''a stamp is invented that is putt upon every letter shewing the day of the month that every letter comes to the office, so that no Letter Carrier may dare detain a letter from post to post; which before was usual.''*

The original London Bishop Mark first used on 19th April, 1661, consisted of a small circle of 13mm diameter bisected horizontally with the month (in serif lettering) abbreviated to two letters, in the upper half, and with the day of the month in the lower half.

In 1673 a new Mark was brought into use which has a diameter of between 13mm to 14mm. The type used for the point was sans-serif and this continued in use until 1713. In 1713 larger handstamps were introduced which range in size from 14mm to 20mm.

The layout of these was also changed, with month appearing at the base. This type remained in use until 1787 when it was replaced by the double circle type.



# Christmas 2016 Stamps

by **Mario Casingena**

The Christmas 2016 stamp issue is surely what I was not expecting or rather was expecting something special, following 2015 Albrecht Durer elegant issue. The bulletin accompanying 2016 this explains that "the issue reproducing images of the Nativity of Jesus Christ from three paintings by Maltese artist Joseph Pulo". In the second paragraph it explains the "technique" or in easier terms stained glass painting style piece of art. The technique as explained on the bulletin is not listed under the techniques used in painting as prepared by the editor of Encyclopaedia Britannica.

The first and the second is the Nativity scene, the first can be interpreted as a detail of the scene! € 0.59 stamp centre of attraction of which, an extra-well lit hut/barn structure replaces the cave, this should not be interpreted as original or in any way imagine that it is complementing the other buildings. The star on the roof top looks more of a receiving antenna. Scattered dwelling in the vicinity while the palm trees seem to follow a straight line. I failed, and gave up, or grew disinterested to follow on the shades that were cast by the full moon or star on to the buildings and open land. The third, three wise man, a presentation that lacks taste, at least these could have been looking on the other side and thus complement the first and second Nativity scene. Therefore the 63c could nicely be in place of the 26c and the wise men would be looking in the right direction. The kneeling wise man is bare headed, and guess could have looked better otherwise. The three strokes at the corner of the € 0.63 stamp kept me intrigued as to what these could be, and the only plausible reason behind this is that it was the edge of the manger of the Baby. The three stamps offer an independent display not complementing as would have been and normally expected. Thus the first is unrelated to the second as the patch style is not fully followed on the second stamp and further to this the star on the second is not the same as that on the third. Now keeping in focus the € 0.26 stamps and looking at the characters, the angel could have been white clothed and further enhance a glorious spirit, to that of grief. In the same stamp Baby Jesus in playful mode (on a sky blue cloth in preference to a normal white cloth ), in an unrealistic gesture is extending the arm towards the lamb. Thus here it should not be intended that at Nativity, He is being symbolised as the lamb of God. The flower tipped stick that Joseph is holding on to, could have been eliminated and further improve on the whole image.

If only it can be digested in understanding that there is a tough competition around just click on Christmas stamps and get a feel of the situation, not to copy but objectively give an original competing product. Issues should be looked in an objective manner and not what looks like being tossed in just for the sake of. I would not expect an issue with a snow back drop, nor a Father Christmas or Christmas Tree but other original ideas with a local connotation.











*Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-10 sena anniversarju fils-Sala tal-Kunsill Lokali - Frar 2012*




**Reklam Antiik:** Reklam dwar il-ħarġa 'The Melita Post' bl-indirizz fiż-Żejtun, hekk kif deher fil-ħarġa filatelika Polakka 'IKAROS' Nru. 78-79 ta' Mejju u Ġunju, 1938.

# ABBONA

ma'

## The Melite Post

Isem: ____________________

Indirizz: ___________________

____________________________

Tel./Mob.: _________________

E-mail: _____________________

Din il-ħarġa se toħroġ 4 darbiet fis-sena. Il-ħarġa li jmiss se toħroġ lejn l-aħħar ta' Marzu. Din il-ħarġa hi b'xejn għall-membri kollha tal-għaqda, iżda dawk li mhux membri jridu jħallsu €0.50ċ.

*The Melite Post*, hi l-gazzetta uffiċjali tal-***Grupp Filateliku taż-Żejtun, Dar iż-Żwieten, 28, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun,*** biex issir membru tal-Għaqda tista' ċċempel lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun fuq 21 663 866. Il-membri tal-għaqda jiltaqgħu kull l-aħħar Tlieta tax-xahar fl-indirizz muri hawn fuq. Biex tabona għall-ħarġeit futuri imla l-formola t'hawn fuq.